# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Calleja, Francesco Domenico Impollino and Saverio Vellucci**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Joseph Calleja, numru tal-karta tal-identita' 147872M, Francesco Domenico Impollino numru tal-passaport Taljan AA2483852 u Saverio Vellucci numru tal-passaport Taljan AA2968802** li permezz tagħha huma ġew akkużati bil-mod segwenti :

> "***Joseph Calleja*** bhala wiehed mid-diretturi tal-kumpanija ***Palumbo Malta Shipyard Limited,*** bħala propjetarju, u/jew bhala amministratur u/jew rappresentant legali, ***Francesco Domenico Impollino*** bhalla kaptan tal-lancia ***Hamal*** u ***Saverio Vellucci*** bhala 'spettur' tal-lancia ***Hamal*** u nakkuzahom talli fil-lejl ta bejn nhar it-28 u id-29 ta' Jannar, 2016, ghal habta ta bejn il-hdax u ghaxra ta bil-lejl u tlieta ta

filghodu (2310 – 0300) u granet ta' qabel din il-grunata gewwa il-Bacir numru Hamsa (5), Palumbo Shipyard, Triq Ghajn Dwieli, Paola,

a. **Talli**; bil-lejl volontarjament, kissru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew ghajjat jew mod iehor ai termini tal-Artikolu 338M tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta."

Semgħet lix-xiehda kollha fosthom lill-parte civile u rat id-dokumenti eżibiti;

Semgħet ir-relazzjoni tal-espert tekniku Professur Joseph Agius;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Abbli Uffiċjal Prosekutur u l-Abbli Avukati Difensur Dottoressa Abigail Bugeja u Dottor Matthew Brincat;

Rat, fliet u analizzat l-atti kollha tal-kawża;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi qabel xejn, din il-Qorti tħoss li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ għandha tippuntwalizza s-segwenti : -

1. Din hija Qorti ta' ġudikatura kriminali u mhix Qorti ċivili. Quddiemha persuna jew persuni jiġu mixlija li wetqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-Prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha. Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet sommarji hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-proċedura ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti d-Difiża ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.
2. Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tiġi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jinġiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu ġew miktuba u preżentati quddiemha mill-Pulizija Eżekuttiva jew skont kif ikunu ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-Akkużatur ikun jista'

jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irriżulta matul il-kors tal-proċess penali. Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn ċertu ġurisprudenza fir-rigward tal-proċedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-Difiża.

3. Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull każ huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Liġi u fil-Liġi. Din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeċiedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħa jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodiċi Kriminali. Punt.

4. Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti ċivili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura ċivili li ma humiex previsti mill-Kodiċi Kriminali bħala li jistgħu jiġu emanati minn Qorti ta' ġudikatura kriminali.

5. L-anqas ma tista' din il-Qorti – fl-isfond tan-natura tal-azzjoni proferita lilha - tieħu post jew tagħmel ix-xogħol tal-Awtorita tal-Ambjent u l-Ippjanar jew li taġixxi ta' xi *watchdog* biex tara jekk xi persuna tkunx qegħda taġixxi jew timxi skont xi permess tal-ippjanar jew xi permess

amministrattiv ieħor. Għal dan il-għan hemm Qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra u li dak li jkun u li jkollu interess jista' jirrikorri għalihom.

6. Inoltre, din il-Qorti hija adita biex tiddeċiedi fuq reat ta' natura kontravvenzjonali. Jekk l-imputat jinstab ħati jiġi kkundannat għal xi waħda mill-pieni imsemmija mill-Artikolu 7(2) tal-Kodiċi Kriminali.[1] F'ċerti ċirkostanzi tista' wkoll tordna li jitneħħa inkonvenjent.[2] Mill-banda l-oħra jekk ma jintsabx ħati jiġi meħlus mill-imputazzjoni.

7. F'kull każ pero, stante li din hija qorti ta' ġudikatura kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar il-fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Mill-banda l-oħra jekk id-Difiża tagħżel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet, huwa biżżejjed għad-

---

[1] (2) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall-kontravvenzjonijiet huma -
(*a*) id-detenzjoni;
(*b*) l-ammenda;
(*ċ*) iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

[2] Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid : -
(3) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel irreat, tordnalu t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew, skont iċ-ċirkostanzi, li jikkonforma ruħu malliġi, fi żmien, biżżejjed għal dak il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk min jagħmel ir-reat jonqos li jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.

Difiża li tikkonvinċi lil Qorti bit-teżi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabbilita u f'każ li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

8. Dawn huwa prinċipji kardinali li jsawru l-proċediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bażilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi din il-Qorti semgħet akkuratament ix-xiehda kollha li ġiet preżentata quddiemha. Ben konxja mill-fatt li f'dawn il-każijiet ma hux tassattivament meħtieġ li din il-Qorti tagħmel stħarriġ tekniku u xjentifiku,[3] din il-Qorti ħasset li f'dan il-każ, anke minħabba s-sensittivita' tiegħu kif ukoll l-allarm soċjali li qajjem – almenu fl-ambjenti u l-inħawi rilevanti għal dan il-każ, ħasset li aħjar li tkun ukoll konforata b'analiżi kemm jista' jkun xjentifika tal-fenomenu reklamat. Għalhekk ħatret wieħed mill-aqwa esperti fil-qasam li għandha għad-disposizzjoni tagħha, fil-persuna tal-Professur Joseph Agius, sabiex ikun jista' jagħmel analiżi teknika tal-ħsejjes reklamati. Il-Qorti tifhem li l-analiżi li setgħet issir mill-

---

[3] Ara *Il-Pulizija vs Fortun Fava* deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Frar 1998 per VDG.

Professur Agius f'din il-kawża kienet waħda li kienet soġġetta għal diversi restrizzjonijiet u ma setgħetx tkun waħda komprensiva. Iżda bis-saħħa tagħha l-Qorti setgħa jkollha konfort u riskontri xjentifiċi għal dak li kienu qegħdin jirreklamaw il-parte civile u x-xiehda.

Inoltre indipendentement minn dak l-eżerċizzju xjentifiku u separatament minnu, u f'ħinijiet qabel ma sar dan l-eżerċizzju xjentifiku, nhar it-2 ta' Frar 2016 għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija il-Maġistrat sedenti (akkumpanjat biss mix-xufier adett lilu) żar diversi postijiet fl-Isla u f'Bormla u li ħass li kienu l-aktar rilevanti għal dan il-każ u għamel osservazzjonijiet u konstatazzjonijiet kollha li lilu deherulu xierqa dwar dan il-każ. Fil-fatt huwa żar Triq Għajn Dwieli u Triq it-Tlett Ibliet f'Bormla u Triq is-Sur l-Isla. Dan peress li dawn it-toroq jagħtu direttament għal fuq l-ambjenti amministrati mill-Palumbo Shipyard. Il-Maġistrat mexa matul dawn il-toroq b'waqfien regolari biex ikun jista' jara, jisma' u jesperjenza direttament u personalment iċ-ċirkostanzi ambjentali u l-ħsejjes ġenerati mill-Palumbo Shipyard kif ukoll jara jkunx jista' jindividwa xi ħsejjes simili għal dawk li kienu xehdu dwarhom ix-xiehda f'dan il-każ. Dan l-aċċess sar għall-għarrieda u mingħajr ma ħadd mill-partijiet, la l-Prosekuzzjoni, la l-Parte Civile u l-anqas id-Difiża ma kienu jafu b'dan u sar f'ħin tal-ġurnata fejn għalkemm kien għad fadal ftit

tad-dawl naturali biex wieħed ikun jista' jara l-akkwati u l-opri tal-baħar hemmhekk misjuba kemm jista' jkun ċar, ikun ukoll f'ħin tal-ġurnata fejn l-ammont ta' traffiku u ħsejjes ċirkostanti assoċjati ma' bi nhar ikunu bdew ibattu sew. Dan joffri wkoll stampa ħajja u realistika tas-sitwazzjoni korrenti fil-Belt tal-Isla u l-madwar għal dak li għandu x'jaqsam l-operat tal-Palumbo Shipyard u lil hinn minn dan.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mix-xiehda prodotti mill-Prosekuzzjoni irriżulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-lejl bejn it-28 u d-29 ta' Jannar 2016 fl-akkwati tal-Isla u b'mod partikolari fit-toroq u fid-djar fejn jirrisjedu x-xiehda Anna Spiteri, Paul Mc Donough, Jesmond Spiteri u Rita Vassallo kien hemm ħsejjes, u li prinċipalment jikkonsistu fi ħsejjes li x-xiehda qiesu bħala li kienu dawk ta' *generator*. Fil-fatt jirriżulta (anke mir-relazzjoni teknika) li dan il-ħoss huwa kompatibbli ma tħaddim ta' diesel engine u li tkun is-sors tal-eneġija li minnha jiġi ġenerat id-dawl elettriku għal opri tal-baħar.

Ix-xiehda ta' Anna Spiteri u Rita Vassallo hija importanti in kwantu tikkorrobora l-eżistenza tal-ħoss kontinwu u disturbanti l-

mistrieħ. Skont Anna Spiteri kien ħoss ta' "genertator gholi hafna" li ma ħallihomx jorqdu għar-raba' jew ħamest iljieli in fila.

Anna Spiteri pero ssostni li dan il-ħoss disturbanti kien ġej minn vapur u kien hemm nies oħra li joqgħodu "fuq is-Sur" li kkonfermawlha dan. Dan minbarra ħsejjes ta' "cutting with a saw". Pero dakinhar tal-imputazzjonijiet il-ħsejjes prinċipali disturbanti : "Le dakinhar kienet il-generator". Dan il-ħoss kien ta' generator u li kien għadu għaddej. Din ix-xhud tgħid li hija għandha idea fejn qiegħed dan il-generator u tgħid li "Ehe qieghed ha nghidlek quddiem Dock 5 qieghed..nahsbu li huwa vapur...generator ta' vapur". Din ix-xhud taf li kien hemm diversi vapuri fil-Palumbo Shipyard u ma kienetx f'qagħda li tindika l-isem jew l-IMO number ta' dan il-vapur u dan peress li l-yard il-ħin kollu tbiddel il-vapuri u hi, ġustament, mhix watch dog ta' Palumbo.

Aktar tard fix-xiehda tagħha pero din ix-xhud tagħti dettalji importanti għal din il-vertenza. Hija tgħid hekk (fol 9 tat-traskrizzjoni) : -

> Okay ara nghidlek hemm zewg (2) vapuri hdejn xulxin ghax ahna wkoll ahna ma nistghux nidhlu go Palumbo, li nistghu nittawlu minn fuq is-Sur, insaqsu n-nies u kulhadd jghidli tieghu. Nghidilhom certa? Dak hu. Hemm wiehed ta' Grimaldi hemmhekk u hemm iehor quddiemu, ma nafx

> liema wiehed huwa b'dan il-generator. It-tnejn they are not new ships dawn, it-tnejn qeghdin hdejn xulxin ma nafux liem wiehed bil-generator ta' liema wiehed minnhom huwa qed jaghmel dan l-istorbju. Imma ghalija irrileventi jekk hux dan jew dan. Qed jagmel l-istorbju, u l-istorbju hiereg minn Palumbo. Irrilevanti ghalija hu.

Din ix-xhud iżżid li għall-ewwel ħasbu li dan il-ħoss kien ġej minn generator installat fuq l-art. Iżda wara li kien hemm xi nies li kienu jaħdmu d-Dock Yard qalulha li dan ma kienx generator mal-art iżda kien ġej minn vapur. Imbagħad wara kienu l-Pulizija li qalulha li l-vapur kien ġie identifikat u li dan kellu xi għaxart ijiem oħra f'Malta – u b'hekk dan il-vapur kien ġie skontha "pinpointed". Din ix-xhud tisħaq li kienet ilha tirraporta għal snin sħaħ lill-MEPA, lill-Environmental Health, lill-Port Authorities fuq il-ħsejjes li kienu ħerġin mill-Oil rigs "ta' sena u nofs ilu". Biss dawn il-vapuri msemmija minnha ma kienux jinsabu f'Dock 5, iżda kien ġewwa u ħdejn Dock 6. Dock 5 jinsab aktar il-ġewwa u aktar il-bogħod minnha minn Dock 6 li jiġi kważi faċċata ta' fejn kienet qed tħares hi meta rat dawk il-vapuri.

L-eżistenza ta' dan il-ħoss kontinwu u intens kif ukoll in-natura tiegħu hija wkoll pruvata mill-*video clip* eżibit mix-xhud Paul McDonough (għalkemm din il-Qorti ma tistax tistabbilixxi l-awtentiċita tal-intensita tal-ħoss li jinstemgħa f'dan il-*video clip*). Biss dan il-ħoss qisu ta' magna *diesel on idle position* huwa

identifikabbli faċilment meta wieħed jisma' dan ir-*recording*. Ix-xhud Paul McDonough isemmi wkoll tħaddim ta' makkinarju fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Fir-recording tiegħu jinstema' jgħid ukoll li kien qiegħed jara l-i"sparks" taħt il-"yellow tower that is closest to me" jgħid dan ix-xhud. Jgħid ukoll li l-Palumbo Shipyard kienu qegħdin joperaw a "metal saw" matul dan il-lejl.

Issa din il-Qorti rat għal aktar minn darba dan il-video clip u fil-fatt, għalkemm b'xi diffikulta setgħet tisma', fil-bogħod ħafna u b'sound amplifikat, xi ħsejjes jixbħu żarżira metallika bħal dik ta' meta jiġi maqtugħ jew grindjat oġġett metalliku. Il-Qorti ma rnexxielhiex tidentifika minn fejn kienu ġejjin l-isparks li semma' dan ix-xhud. Biss huwa jtenni li kienu "underneath" l-istess "yellow crane". Mill-banda l-oħra il-Qorti semgħet xi ħsejjes simili għal xi tisbit fuq metall li nstemgħu darba u kienu biss għal ħin qasir ħafna. Mhux l-istess jista' jingħad għal dak il-ħoss tad-diesel engine li jibqa' kostanti u fil-ħemda tal-lejl kien verament jidwi.

Minn din ix-xiehda ta' Paul McDonough, kif ukoll mill-video clip eżibit minnu, din il-Qorti tista' tidentifika li dan ix-xhud kien qiegħed jipponta lejn id-direzzjoni ta' fejn kien hemm il-crane isfar u fil-fatt il-video clip jiffoka tista' tgħid interament fuq din ix-xena. Irid jingħad ukoll li din ix-xena hija fokalizzata fuq id-direzzjoni ta' dock numru 6.

Rita Vassallo minn naħa tagħha wkoll titkellem fuq ħoss li kien ġej mill-Palumbo u li kien kontinwu u li ma ħalliehiex torqod tant li kellha tieħu xi pillola tal-irqad biex setgħet torqod – u dan minbarra li żewġha kien marid u li ġie ddisturbat ukoll. Biss ix-xiehda tagħha kienet aktar ta' natura ġenerika fir-rigward tal-provenjenza tal-ħoss persistenti għalkemm skontha kien rikonduċibbli dejjem mid-direzzjoni tal-Palumbo Shipyards.

Xhud importanti ieħor kien Jesmond Bonnici li jirrisjedi fi Triq San Lawrenz l-Isla kantuniera mas-Sur tal-Isla. Dan ix-xhud jgħid hekk : -

> Mela le, dan ricenti dahal il-vapur hemmhekk jismu Grande Argentina u ... l-hoss gej minnu zgur ghax jiena ili ghoxrin (20) sena noqghod hemm jigifieri l-affarijiet ninnutahom kuljum ta' spiss hu....Issa l-bierah ixxiftjawh gol bacir number six (6) u l-hoss naqas, jigifieri ghax ressquh il-wara iktar...Il-Hamal qieghed daqsxejn 'l boghod minni hu ghax il-Hamal qieghed sorgut l'isfel kwazi man-number five (5) Dock...(il-Grande Argentina) kien ezatt faccat tieghi, kien ezatt hdejn ir-Rig ... l-Falcon 100 jismu... (il-Grande Argentina) kien marbut mal-jetty tas-six (6) Dock nghidulha...heqq hoss ta' generator hu u hoss...Base (sic! bass) kbir hekk jigifieri li mhux hoss li jien naf taghlaq it-tieqa u ma tisimghux iktar, hoss li tidhol fil-kmamar ta' gewwa u jiba' tibqa' tisimghu.
>
> Qorti : U int jigifieri cert li mill-Grande Argentina dan kien gej?

Xhud : mija fil-mija (100%) minix imma ninety nine percent (99%) huwa hekk ghax jidher car u tond li wahda meta dahal hu beda l-hoss u thares lejn ic-cumnija tinduna. Jiena ili ghoxrin (20) sena...noqghod hemm, naf xi jkun qed jigri. Mic-cumnija tinduna jekk il-vapur hux startjat jew le...ghax jibdew tilghin il-fumes mic-cumnija, jigifieri.

Qorti : U jigifieri dawn il-hsejjes illi bdejt tisma' inti kienu gejjin mid-direzzjoni tal-Grande Argentina?

Xhud: Ijja, ijja ghax hu jigi ezatt tal-faccata tieghi ezatt.

Xehdu wkoll PS583 Evan Grech u PC 526 Sergio Spiteri. Dawn xehdu dwar ix-xgħol li huma għamlu fil-lejl in kwistjoni mertu ta' din il-kawża. Minn din id-deposizzjoni irriżulta li dawn l-aġenti tal-Pulizija marru fil-Palumbo Shipyard darba fil-23:10 tat-28 ta' Jannar 2016 u darb'oħra wara s-01:15 tad-29 ta' Jannar 2016 u dan wara li kienu rċevew telefonati dwar inkonvenjenti ta' storbju li kien ġej mill-Palumbo Shipyard.

Minn din ix-xiehda jirriżulta li għal dawn l-aġenti tal-Pulizija, b'mod partikolari fit-tieni mawra tagħhom, dak li laqgħathom b'mod partikolari ma kienx daqstant il-ħsejjes ta' xogħolijiet ta' tarznari għaddejjin jew makkinarji, daqskemm il-ħsejjes ta' generator li kien qiegħed jintuża biex jipprovdi l-elettriku lit-tug boat ***Hamal***. Is-Security Officer li jaħdem mal-Kumpanija JF Security stqarr magħhom li dan il-generator ma setgħax jintefa' għaliex jekk jintefa' l-ħaddiema abbord jispiċċaw bla dawl.

Is-Surġent 583 jgħid ċar li l-generator huwa ma raħx għalkemm setgħa jisimgħu. Il-Kuntistabbli 526 itenni li waqt li kien mal-kollega tiegħu PS583 huwa kemm ra kif ukoll semgħa l-generator tal-Hamal. Huwa saħansitra ddeskriva dak li f'għajnejh kien il-generator in kwistjoni. Iżda mir-relazzjoni tal-Professur Agius irriżulta li dan ma kienx il-generator. Fi kwalunkwe każ, għall-fini ta' din il-kawża jirriżulta mix-xiehda ta' dawn l-aġenti tal-Pulizija li fil-fatt kien hemm ħoss ta' ċerta portata li kien ħiereġ mit-tug boat Hamal. Biss dawn ma jixhdux li semgħu xi ħsejjes ħerġin minn bnadi oħra tal-Palumbo Shipyard anke viċin tad-Dock 6 – u dan minkejja li x-xiehda okulari Sengleani saħqu li l-aktar li kien ġej ħoss kbir kien mid-direzzjoni ta' Dock 6.

Essenzjalment dawk kienu fis-sustanza tagħhom ix-xiehda tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti semgħet ukoll lix-xiehda imresqa mid-Difiża, fosthom l-imputati infushom nonche lil Aaron Mifsud u lill-Inġinier Paul Cardona. L-aktar dettalji rilevanti għal dan il-każ li ħarġu minn din ix-xiehda tad-Difiża kienet li l-Hamal wasal Malta għal ħabta ta' nofsinhar tat-28 ta' Jannar 2016 (u mhux qabel) u li ġiet pilotata fil-Baċir numru 5 tal-Palumbo Shipyard. Ma ġie kummissjonat ebda xogħol fuq din it-tug boat, iżda kien meħtieġ li jiġu

magħmula verifiki biex isir it-tiġdid taċ-ċertifikazzjoni tal-istess tug boat u għalhekk inġiebet fil-Palumbo Shipyard. Huwa minnu li l-ġeneratur tal-elettriku kien imqabbad kontinwament u li kien jagħmel ħsejjes, pero skont il-Kaptan tagħha minn mitejn metru bogħod diġa l-ħoss tal-generator bilkemm ikun jinstemgħa. Dan il-generator kien meħtieġ għaliex is-sistema elettrika abbord kienet titħaddem b'mod li kienet teħtieġ li tkun kostanti u mhux suġġetta għal bdil jew filli l-kurrent jitla' jew jinżel f'daqqa. It-tħaddim tal-ġeneratur kien meħtieġ għaliex jassigura provvista kostanti t'enerġija elettrika li kienet meħtieġa għat-tħaddim tal-apparat abbord u għall-għixien diċenti tal-baħħara.

***Ikkunsidrat : -***

Illi importanti wkoll għas-soluzzjoni ta' dan il-każ hija r-relazzjoni tal-Professur Joseph Agius u x-xiehda tiegħu viva voce.

Minn din ir-relazzjoni jirriżulta li l-eżami tekniku sar kemm fid-djar tax-xiehda "okulari" Spiteri, Bonnici, Vassallo u McDonough kif ukoll u minn barra t-toroq rilevanti fl-Isla inkluż fuq is-Sur. Minn hemmhekk jirriżultaw miżurazzjonijiet u konklużjonijiet interessantissimi li jindikaw sewwasew x'kien seħħ fil-lejl in kwistjoni.

L-espert itenni li l-ħoss li huwa rreġistra mid-diversi postijiet li huwa ħa l-miżurazzjoni tagħhom fl-Isla u fid-Djar tax-xiehda okulari kienu jirriflettu l-istat ta' ħsejjes fil-lejl ta' bejn it-2 u 3 ta' Frar 2016.

Ġie konstat li matul dak il-lejl fil-fatt il-bastiment Grande Argentina kien qiegħed fil-Baċir Numru 6 u mhux aktar marbut mal-Jetty tal-istess Baċir.  Dan ifisser li fil-lejl inkriminat kien sitwat f'distanza aktar viċina tar-residenzi tax-xiehda okulari.

Inoltre ġie konstatat ukoll li normalment hemm rabta bejn il-kobor tal-magni diesel, l-output li jipproduċu u l-ħsejjes emanati minnhom.  Fi ftit kliem akbar ma tkun il-magna, normalment akbar ikun il-ħoss li din tipproduċi u aktar intens dan ikun.

Inoltre aktar mas-sors tal-ħsejjes ikun qrib għal min ikun qiegħed jisimgħu, akbar ikun l-impatt fuq is-smiegħ ta' dak li jkun qiegħed jisma' l-istess ħoss.

Apparti minn hekk jekk ikun hemm ħsejjes tal-istess frekwenza, bħal dak ta' tħaddim ta' magni diesel, dawn il-ħsejjes isiru indistingwibbli.

Pero dik il-magna li tkun l-akbar u l-eqreb, peress li tipproduċi ħoss akbar u aktar intens minn dawk il-magni li jkunu iżgħar u aktar il-bogħod, tispiċċa biex titfi jew almenu ttaffi mill-ħoss tal-magni li jkunu iżgħar u/jew ikunu jinstabu f'distanza aktar il-bogħod minn min ikun qiegħed jisma'.

Inoltre, żewġ magni diesel ħdejn xulxin, li jkunu qegħdin jaħdmu simultanjament ma jirdupjawx il-valur tal-ħoss f'deċibel iżda l-algoritmu tal-widnejn umani jaħdem b'mod li jawmenta bi ftit il-ħoss li jkun emanat mill-akbar magna. Id-distanza bejn is-sors tal-ħsejjes u min qed jisma' pero jibqa fattur importanti fir-rigward tal-ħoss totali prodott u perċepit mill-widna umana.

Minn din ir-relazzjoni u x-xiehda tal-Professur Agius jirriżulta wkoll li fiż-żona minn fejn ittieħed il-kejl xjentifiku ma kienx hemm biss iż-żewġ bastimenti Hamal u Grande Argentina. Iżda jirriżulta wkoll li kien hemm bastimenti oħrajn ukoll kemm fiz-zona amministrata mill-Palumbo Shipyard, kif ukoll barra din iż-żona. Naturalment ma kienx possibbli għall-Professur Agius li jelimina l-ħsejjes kollha ċirkostanti din iż-żona portwarja u għalhekk ċerti ħsejjes li ma kienux qegħdin jemanaw miz-zona tal-Palumbo Shipyard ma setgħux jiġu eliminati.

Jibqa' l-fatt li skont il-kostatazzjonijiet magħmula mill-Profs Agius, l-ammont ta' ħsejjes ġenerati l-aktar notevoli kienu jikkonsistu fil-"humming noise" u "rumbling".

Issa mill-magna tat-tug boat Hamal imkejla minn distanza qasira viċin tar-rails ħdejn il-pruwa tat-tug boat ġew reġistrati 57dBA. Issa dan il-kejl kien meħud f'Baċir numru 5 u li jinsab f'distanza ta' madwar 720 metri mill-Bażilika tal-Isla. Mill-banda l-oħra il-kejl meħud minn ħdejn id-dock rails fejn kien jinsab il-bastiment Grande Argentina taw kejl ta' 63dBA fil-poppa u 61.5 dBA fil-pruwa. Bejn fejn kien sorġut il-Grande Argentina u l-Bażilika tal-Isla hemm distanza ta' madwar 380 metru. Iżda peress li fil-jum inkriminat il-Grande Argentina ma kienx fil-Baċir numru 6 iżda kien barra l-istess Baċir u għalhekk qrib aktar tal-Art tal-Isla, id-distanza kienet anqas. Skont il-Professur Agius din id-differenza fid-distanza kienet tħalli impatt fuq il-livell tal-ħsejjes li kien ikun kalkulat mill-istess postijiet li ħa l-kejl hu u dan l-impatt ma kienx ikun iżjed minn żieda ta' 5dBA fuq il-livelli mkejla minnu.

Issa dakinhar li huwa ħa l-kejl jirriżulta li f'dik il-ħemda tal-lejl fi Triq San Lawrenz quddiem il-bieb tad-dar ta' Jesmond Bonnici kien hemm kejl ta' 53.5dBA mentri quddiem il-bieb tad-dar ta' Rita Vassallo fi Triq D'Homedes il-kejl kien ta' 50.5 dBA. Il-Professur Agius jikkonċedi li d-differenza tad-distanza li fiha kien jinsab il-

Grande Argentina dakinhar tal-ilment kienet twassal għal żieda ta' mhux aktar minn 5 dBA fuq dawn il-figuri. Skont il-Professur Agius dawn il-ħsejjes li kienu qegħdin jinstemgħu kemm ġewwa r-residenzi kif ukoll fit-toroq kien ħoss assoċjat ma "humming" u ċjoe' ħsejjes emerġenti mit-tħaddim ta' "reciprocating machinery" jew "diesel engines" illi jdwaru l-ġeneraturi elettriċi.

Il-Professur Agius tenna li l-ħoss kien qisu ħoss wieħed u li fih kien qisu jiġbor il-ħsejjes l-oħra. B'hekk kien jiġbor fih kemm il-ħsejjes tal-ġeneratur tal-Hamal kif ukoll il-ġeneratur tal-Grande Argentina u tal-bastimenti l-oħra kollha li kienu f'dik iż-żona. Huwa jtenni wkoll li minbarra dawn il-bastimenti kien hemm bastimenti oħra li kellhom ġeneraturi mixgħulin u li ma kienux fil-Palumbo Ship Yard – bħal kejl li huwa ħa quddiem il-pruwa tas-Super Yacht "Serenet" minn fejn ġew rilevati 59.5dBA.

Biss meta wieħed iqis li ma hux possibbli li tiddistingwi bi preċiżjoni dan il-"humming noise" minn fejn ġej, il-Professur Agius ikkonċeda li l-verżjoni ta' Jesmond Bonnici u x-xiehda okulari l-oħra kienet verosimili fis-sens li kien jagħmel sens li l-magni kbar tal-bastiment enormi Grande Argentina kellhom is-sehem prinċipali tal-ħsejjes li kienu qed jiġu ġenerati u dan minħabba li dan kien l-eqreb bastiment lejn fejn jgħixu x-xiehda okulari kif ukoll għaliex huwa ta' daqs enormi, ferm akbar mit-tug

boat Hamal li kienet sorġuta ferm aktar il-bogħod fil-Baċir numru 5. Il-ħoss ġenerat minnu kien bħal jassorbi fih u jitfi l-ħsejjes ġenerati minn bastimenti iżgħar u li kienu jinstabu aktar il-bogħod.

Inoltre, ġaladarba kien jirriżulta wkoll li t-tug boat Hamal kellha l-ġeneratur mixgħul, fuq talba tal-Qorti il-Professur Agius intalab biex jiddetermina kemm setgħa kien l-impatt aħħari fuq il-ħsejjes kollha ġenerati, perċepiti u mkejla mir-residenzi tax-xiehda okulariu li setgħu kienu rikondiċibbli għat-tug boat Hamal. Fil-fatt il-Professur Agius ikkalkula li jekk il-Hamal kien qiegħed jipproduċi 57dBA kalkolati minn distanza qasira l-bogħod minnu (xi 5 metri), l-istess dBA jonqsu proporzjonalment bi 3dBA għal kull distanza raddopjata. Fil-fatt meta ħadem bil-formula xjentifika huwa setgħa jkejjel kemm kien ikun mistenni li jkun il-kejl ta' deċibel fuq distanzi partikolari minn dak is-sors ta' ħsejjes. Mela jekk minn ħames metri il-kejl kien ta' 57dBA, minn għaxar metri l-kejl tal-ħoss kien mistenni li jkun 54dBA. Minn għoxrin metru kien mistenni li jkun 51dBA. Minn erbgħin metru kien ikun mistenni li jkun 48dBA, eċċetra. Jirriżulta għalhekk li minn madwar 720 metru minn dan is-sors, il-ħoss ġenerat kien ikun mistenni li jkun madwar 35dBA jekk mhux inqas u dan fit-toroq u spazji pubbliċi u mhux fid-djar. Jiġifieri jekk madwar il-port kollu u fil-Palumbo Shipyard u fil-madwar wieħed isikket is-sorsi ta'

ħsejjes kollha (ħaġa li hija ovvjament impossibbli għal ħafna raġunijiet), is-sors tal-ħsejjes ġenerati mill-ġeneratur tal-Hamal kien mistenni li jkejjel livell ta' madwar 35dBA fit-toroq pubbliċi u barra mid-djar – u dan dment li kien l-uniku sors ta' ħsejjes kif intqal.

Issa kif il-kejl tal-Professur Agius fir-relazzjoni tiegħu juri, bejn il-kejl tal-ħoss reġistrat barra fit-toroq u barra mid-djar u l-kejl tal-ħoss ġewwa d-djar u bit-twieqi magħluqin u viċin tal-imħadda fil-kmamar tas-sodda, dan il-livell ta' deċibel kien jonqos b'medja ta' madwar għoxrin deċibel. B'hekk ir-riżultat aħħari ta' dan is-sors ta' ħsejjes, li kieku kien sors uniku ta' ħsejjes u kien hemm flat surface bejnu u bejn fejn ittieħed il-kejl, kien jipproduċi kejl ta' madwar 15 dBA fuq l-imħadda fil-kamra tas-sodda. Dan huwa valur ta' ħsejjes li huwa ferm aktar baxx mill-istandard massimu stabbilit mill-World Health Organisation (l-istandard riferit u aċċettat mill-partijiet kollha f'dan il-każ) bħala li huwa ta' 30dBA. Jiġifieri kieku kien ikun 30dBA mal-imħadda kien ikun diġa aċċettabbli u mhux ta' disturb, almenu fuq livell ta' standard internazzjonali. In definittiva, kieku dan il-kejl kellu jittieħed b'dan il-mod, is-sors ta' ħsejjes ġenerat mit-tug boat Hamal kien ikun kważi imperċepibbli mix-xiehda okulari fil-kmamar tas-sodda tagħhom u ma kienx ikun is-sors uniku jew prinċipali tal-inkonvenjent soffert f'dan il-każ.

*Ikkunsidrat : -*

Illi mill-aspett legali l-artikolu li fuqu l-Prosekuzzjoni qegħda tibbaża l-imputazzjoni huwa l-Artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali. Issa l-Liġi ma tiddiskrevix x'inhuma dawn il-"ħsejjes, għajjat jew mod ieħor", li jistgħu iwaslu għall-integrazzjoni ta' din il-kontravvenzjoni. Biss dawn il-ħsejjes eċċetra jridu jkunu ta' entita tali li jikkawżaw xi forma inkonvenjent.

Il-kwistjoni tibqa' li trid tiġi determinata minn fejn jiġu imnissla dawn il-ħsejjes eċċetra u jekk tali ġenerazzjoni ta' ħsejjes tkunx tali li tikkwalifika bħala inkonvenjent li jkun elevat għal reat kriminali kif imsemmi fl-Artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ irid jiġi pruvat li s-sors tal-ħsejjes irid ikun skont kif speċifikat fl-imputazzjonijiet kontestati lill-imputati (u dan għaliex huma dawn li jistabbilixxu l-parametri tal-akkuża li l-Prosekuzzjoni għoġobha tixli f'dan il-każ) u li dawn il-ħsejjes eċċetra issarfu f'inkonvenjent skont il-Liġi. Jiġi ribadit li mhux kull ħoss jew vibrazzjoni tista' tiġi meqjusa bħala inkonvenjent skont il-Liġi u hemm diversi kriterja li jiġu soddisfatti qabel ma Qorti ta' ġudikatura kriminali tkun tista' tikkonkludi li jkun seħħ inkonvenjent f'xi każ partikolari.

Biex dan l-inkonvenjent ikun kriminalment punibbli jrid ikun wieħed pruvat li kien serju f'sens oġġettiv, irid ikun wieħed sostanzjali u mhux raġonevoli.[4] Inoltre, t-test li għandu jagħmel il-ġudikant għandu jkun wieħed oġġettiv[5] għalkemm fil-każ ta' inkonvenjent kaġunat minn ħsejjes il-Qorti trid tevalwa l-provi skont ix-xiehda tal-persuna jew persuni li jkunu disturbati mill-ħsejjes.[6] Huwa mħolli f'idejn il-ġudikant li jevalwa minn każ għal każ u *in concreto* jekk ikunx hemm l-inkonvenjent ravviżat mill-leġislatur li għandu jiġi evitat, u normalment ma hemmx ħtieġa li jitqabbad espert tekniku.[7]

Illi dwar in-natura tal-inkonvenjent u x'tifsira għandha legalment tingħata lil dan it-terminu, din il-Qorti tara li dak mistqarr mill-Imħallef William Harding fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et***[8] huwa importanti għad-determinazzjoni ta' dan il-każ. Dik il-Qorti għalmet illi l-inkonvenjent jissenja l-limiti tal-użu awtorizzat. Dan għandu jiġi interpretat fis-sens ta' kif dejjem ġie interpretat il-każ analogu ta' molestja f'kawżi ċivili fuq l-istess materja. Biss, *criminalibus*, il-limitu stabbilit m'għandux ikun biss dak applikabbli *civiliter* jiġifieri li jiġu eċċeduti l-miżuri ta' rigward lejn il-bwon viċinat li normalment għandhom jiġu rispettati. Fil-kamp penali hemm bżonn li l-fatt ikun jikkostitwixxi *nuisance*

[4] Ara "Il-Pulizija vs. Michael Grech", Qorti tal-Appell Kriminali, PV, deċiża nhar is-30 t'April 1998.
[5] Ibid.
[6] Ara "Il-Pulizija vs. Raymond Spiteri", Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar l-20 ta' Novembru 1998.
[7] Ara "Il-Pulizija vs. Fortun Fava", Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar il-5 ta' Frar 1998.
[8] "Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et", Qorti Kriminali (sede t'appell), WH, deċiża nhar is-16 ta' Diċembru 1946.

jiġifieri *substantial inconvenience and material discomfort*.[9] F'dan is-sens għalhekk l-inkonvenjent għandu jkun wieħed *gravi* u *mhux faċilment tollerabbli* ukoll kif deċiż l-appell ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Meli vs Calleja*** nhar il-5 ta' Frar 1908 ukoll ċitata fl-istess kawża.

Inoltre, l-istess inkonvenjent irid ikun wieħed meqjuż bħala *kontinwu u intens*. Jekk ma jikkonkorrux dawn l-elementi il-każ ma jkunx jaqa' taħt is-sanzjoni tal-liġi penali u dan għaliex altrimenti, din kienet tolqot anke każijiet t'inkonvenjent ħafif, li allura jirrendi l-ħajja soċjali kważi impossibbli. Hawnhekk l-Imħallef Harding ikompli jikkwota lill-Kollega tiegħu Ingliż Pollock fis-sentenza *Bamford vs. Turnley* deċiż fl-1862 fejn ingħad li :

> The compromises that belong to social life, and upon which the peace and comfort of it mainly depend, furnish an indefinite number of examples where some apparent natural right is invaded, or some enjoyment abridged, to provide for the more general convenience or necessities of the whole community.

Dan ifisser li l-Qorti trid tevalwa u tagħrbel l-allegazzjonijiet ta' inkonvenjenti veri jew prużunti minn diversi testijiet li huma kemm oġġettivi kif ukoll soġġettivi. Dan sabiex tassigura li l-kriterja stabbiliti mill-ġurisprudenza ikunu osservati. U dan jagħmel sens għaliex altrimenti, u b'mod partikolari f'pajjiż żgħir bħal Malta, il-ħajja ċivili issir pressokke impossibbli u dan peress li

[9] Hawnhekk l-Imħallef Harding jiċċita sentenza Ingliża "Walter vs Selfe" tal-1851 li hija riportata minn Burrows fil-Ktieb tiegħu "Words and Phrases Judicially Defined" fil-Volum III a pagna 524.

dan huwa pajjiż mifni b'densita' ta' popolazzjoni mill-aktar kbira fid-dinja u l-ispazju disponibbli għal dawk li jgħixu u jgħammru fuq din il-Gżira huwa żgħir u limitat. Il-Qorti trid tieħu kont ukoll tal-kuntest li fih l-allegazzjonijiet ikunu qegħdin isiru u dan peress li mhux kull inkonvenjent jista' jiġi ritenut bħala li jkun penalment rilevanti – minkejja li ċivilment u amministrattivament jista' jkun.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti tqis li x-xiehda tal-Prosekuzzjoni Anna Spiteri, Paul McDonough u b'mod partikolari Jesmond Bonnici jattribwixxu l-inkonvenjent prinċipali għall-ħsejjes ġenerati mill-vapur jew vapuri li kienu jinsabu sorġuti ħdejn il-Baċir numru 6. Dan joħroġ ċar kristall mid-deposizzjoni ta' Jesmond Bonniċi li għalih 99% il-ħoss kien dak tal-magni tal-Grande Argentina. Pero anke Anna Spiteri fix-xiehda tagħha tgħid li l-ħoss kien ġej minn żewġ vapuri li kienu viċin ta' xulxin u li kienu "Hemm wiehed ta' Grimaldi hemmhekk u hemm iehor quddiemu". Minn naħa tiegħu Paul McDonough jieħu filmat tal-vapuri li kienu sorġuti ħdejn il-Baċir numru 6 minn fejn kien hemm il-crane l-isfar kif ukoll jidher ukoll wieħed mir-Rigs taż-żejt. Minn imkien ma jidher il-Baċir numru 5 jew it-tug boat Hamal.

Inoltre, minn dak li ġie kkonstatat personalment u direttament mill-Maġistrat sedenti matul l-aċċess kondott minnu setgħa jiġi kkonstatat b'mod ċar li l-ħsejjes kostanti u persistenti li kienu jinstemgħu verament kienu ta' magna jew magni diesel mixgħulin fil-bogħod. Iżda dak li laqgħat l-iktar lil din il-Qorti kien li l-ħsejjes prinċipali kienu ġejjin l-aktar mid-direzzjoni ta' fejn kienu sorġuti l-bastimenti Grande Argentina u Norman Asturias u mhux minn postijiet oħra.

Din il-Qorti għalhekk hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li s-sors primarju u prinċipali tal-inkonvenjent f'dan il-każ kien fil-fatt dak mistqarr b'tant perizja mill-Professur Joseph Agius, imsaħħaħ bix-xiehda prinċipalment ta' Jesmond Bonnici u li l-ħoss prinċipali kien ġej mill-bastiment Grande Argentina - jew almenu mill-bastimenti li kienu jinsabu f'dik iz-zona tal-Baċir numru sitta - jekk mhux direttament mill-bastiment Grande Argentina innifsu.

Huwa ċar li anke mir-relazzjoni tal-Professur Agius din il-konklużjoni hija waħda li tagħmel sens – aktar u aktar minħabba l-fatt li fil-kuntest kollu il-Grande Argentina huwa bħal dak il-proverbjali "elephant in the room" meta komparat mad-daqs u volum t'output ferm iżgħar tat-tug boat Hamal. Il-Grande Argentina, ismu miegħu, huwa "grande", bastiment enormi; iżda

mhux l-uniku bastiment kbir f'dik iż-żona tal-Port. Mill-banda l-oħra it-tug boat Hamal hija ferm iżgħar minn dawn il-Grande Argentina u Norman Asturias u tinsab ferm aktar il-bogħod mir-residenzi tax-xiehda okulari. U kienet l-unika opra tal-baħar li kienet tinstab fil-Baċir numru 5.

Skont il-kalkoli matematiċi magħmula mill-Professur Agius, nonche bir-regoli bażiċi tal-fiżika kif ukoll tas-sens komun, il-Qorti hija moralment konvinta li s-sors prinċipali tal-inkonvenjent għar-residenti tal-Isla hawn fuq imsemmija fil-jiem inkriminati ma kienux daqstant il-ħsejjes li emanaw mit-tħaddim tal-generator tat-tug boat Hamal li hija l-unika opra li kienet fil-Baċir numru 5, daqskemm mat-tħaddim tal-ġeneraturi tal-bastiment Grande Argentina u bastimenti oħra li kienu fil-viċinanzi tal-Baċir numru 6, uħud minnhom kienu fil-Palumbo Shipyard u oħrajn li ma kienux.

***Ikkunsidrat***

Għalhekk f'dan il-każ din il-Qorti taqbel mat-teżi tal-parte civile u hija konvinta moralment li s-sors prinċipali u l-aktar rilevanti tal-ħsejjes kienu ġejjin mill-area amministrata mill-Palumbo Shipyard. Hija tqis li f'dan il-każ partikolari u f'dawn iċ-ċirkostanzi preżentati lilha mill-provi prodotti, skont il-ġurisprudenza dawn

il-ħsejjes reġistrati u perċepiti fid-data tal-imputazzjoni mix-xiehda okulari kienu jikkwalifikaw u jaqgħu taħt it-tifsira tal-inkonvenjent tal-ħsejjes li għalihom huwa wkoll maħsub l-Artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali. Dan minħabba l-fatt li bħala riżultat ta' dawn il-ħsejjes il-mistrih tan-nies ġie miksur. U dan il-ksur tal-mistrieħ tan-nies kien il-konsegwenza diretta tal-inkonvenjent tal-ħsejjes li jirriżulta li kien jissodisfa t-test oġġettiv[10] kif ukoll li kien inkonvenjent li sawwar *substantial inconvenience and material discomfort* u li kien ta' ċerta gravita', kontinwita' u intensita' u li ma kienx faċilment tollerabbli jew inkonvenjent ħafif.

***Ikkunsidrat***

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiġġudika dan il-każ skont l-akkużi li jkunu ġew magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputati u ma tistax tbiddel hi *bis-setgħa tagħha stess* il-parametri tal-kawża intrapriża mill-Prosekuzzjoni u tiddeċiedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet preżentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

[10] determinat mhux biss bit-testimonjanza viva voce tax-xiehda okulari iżda saħansitra bil-livelli ta' ħsejjes reġistrati mill-Professur Agius bil-metodu xjentifiku wara l-akkadut u meta skont xhud ewlieni Jesmond Bonnici l-livell tal-ħsejjes kien naqas wara li ġie spustjat il-bastiment Grande Argentina minn fejn kien sorġut oriġinarjament, kif ukoll mill-istess konklużjoni tal-espert tekniku li tgħid li mill-post fejn oriġinarjament kien wieħed kien jistenna żieda fil-livell ta' ħsejjes li setgħet titla' sa ħames dBA aktar minn dawk reġistrati minnu.

Illi kif intqal aktar il-fuq, mir-riżultanzi kemm fattwali kif ukoll xjentifiċi li rriżultawlha, din il-Qorti tqis li almenu sal-grad tal-probabbilita li l-ħoss tal-ġeneratur tat-tug boat Hamal ma kienx il-kawża unika jew almenu l-kawża prinċipali ta' dak l-inkonvenjent serju lir-residenti u x-xiehda okulari li seħħ dakinhar tat-28 u 29 ta' Jannar 2016 u li telfilhom il-mistrieħ tagħhom matul il-lejl. Għalkemm skont ir-relazzjoni tal-Professur Agius setgħa kien hemm l-*input* u xi forma ta' kontribuzzjoni ta' dan il-ħoss ġenerat mit-tug boat Hamal mal-kumplament tal-ħsejjes tal-generators l-oħra tal-bastimenti sorġuti kemm fil-Palumbo Ship Yard kif ukoll barra mill-istess Yard, il-ħsejjes ġenerati mit-tħaddim tal-generator tal-Hamal ma ġiex pruvat suffiċjentement li kien qawwi biżżejjed li jista' jkun ritenut li kien il-kawża unika, jew almenu l-kawża prinċipali tal-inkonvenjent.

Din il-Qorti ma tistax serenament tikkonkludi li l-ħsejjes ġenerati mill-generator tal-Hamal kienu penalment rilevanti u li allura l-imputati għandhom jiġu penalment sanzjonati għalih. Dan peress li almenu tliet xiehda tal-Prosekuzzjoni ippuntaw subgħajhom direttament jew indirettament lejn id-direzzjoni tal-bastimenti Grande Argentina, Norman Asturias u bastimenti u xogħolijiet oħra li kienu jinsabu fil- jew quddiem il-Baċir numru 6. L-anqas ma ġie pruvat soddisfaċentement li fuq it-tug boat Hamal kienu qed isiru xi xogħolijiet ta' inġinerija jew metallurġija. Anzi jidher

ċar anke mill-video clip ta' Paul McDonough li x-xogħol li ra' u semgħa jsir kien ġej mill-Baċir numru 6 u mhux mill-Baċir numru 5. Jiġifieri anqas il-ħsejjes tax-xogħolijiet mekkaniċi u metallurġiċi ma jistgħu jiġu marbuta mat-tug boat Hamal u mal-Baċir numru 5.

Issa jista' jkun li dan id-dettall mhux daqstant rilevanti għall-parte civile għaliex huma jispjegaw li għalihom il-ħsejjes kienu ġejjin mill-Palumbo Shipyard u mill-Palumbo Shipyard biss u ma tgaħmillhomx differenza jekk kienux ġenerati mill-Baċir numru 5 jew il-Baċir numru 6 jew xi Baċir ieħor. Għalihom għandhom jirrispondu penalment il-Palumbo u xejn u ħadd aktar għax il-ħoss minn hemm kien ġej. Biss din il-Qorti ma tistax timxi b'dan il-mod populistiku, ġeneralistiku u sempliċistiku. Kif intqal fil-bidu, din il-Qorti hija marbuta b'sett ta' Liġijiet li trid u hija kostretta timxi magħhom – trid jew ma tridx, jogħġobha jew ma jogħġobhiex. Hija marbuta mal-akkuża kif formulata mill-Prosekuzzjoni u marbuta bil-provi li nġiebu quddiemha fl-Awla li kienet qegħda tisma' l-kawża. U ebda prova oħra.

L-imputati kollha, inkluż Joseph Calleja (li huwa wieħed mid-Diretturi tal-Palumbo Malta Shipyards Limited) ġew imħarka in bażi għal imputazzjoni li hija marbuta mhux biss b'data, ħin u lok speċifiċi, iżda hija wkoll marbuta ma lok partikolari bħala li

jikkwalifika minn fejn kien ġej l-inkonvenjent li skont il-Prosekuzzjoni sawwar ir-reat f'dan il-każ.

Fil-fatt l-imputati ġew mixlija:

> u nakkuzahom talli fil-lejl ta bejn nhar it-28 u id-29 ta' Jannar, 2016, ghal habta ta bejn il-hdax u ghaxra ta bil-lejl u tlieta ta filghodu (2310 – 0300) u granet ta' qabel din il-grunata **gewwa il-Bacir numru Hamsa (5),** Palumbo Shipyard, Triq Ghajn Dwieli, Paola,
>
> **a. Talli**; bil-lejl volontarjament, kissru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew ghajjat jew mod iehor ai termini tal-Artikolu 338M tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Issa f'dan il-każ irriżulta li għalkemm verament fil-Baċir numru 5 kien hemm tug boat Hamal li kellha ġeneratur mixgħul u li kien qiegħed jagħmel il-ħsejjes, mill-banda l-oħra, fuq bażi ta' probabbilita ġie wkoll pruvat li ma kienx ***dak*** il-ġeneratur li kien qiegħed joħloq l-inkonvenjent daqshekk serju, gravi u qawwi soffert mir-residenti u xiehda okulari.

Dan ifisser għalhekk li r-responsabbilta' ta' Joseph Calleja (u l-imputati l-oħra) ġiet mill-Prosekuzzjoni marbuta **BISS** **mal-ħsejjes ġenerati mill-Baċir numru 5 u mhux ma xi Baċir ieħor** minn fejn kien hemm ħsejjes eżaġerati ġenerati. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni intrabtet li s-sors tal-inkonvenjent kien ġew mill-Baċir numru 5 u ċjoe dak prodott mill-ġeneratur tat-tug boat Hamal, mentri fil-verita, almenu fuq bażi ta' probabbilta irriżulta li

l-kontribuzzjoni għall-inkonvenjent soffert mir-residenti u x-xiehda okulari fl-Isla mill-ġeneratur tat-tug boat Hamal kienet biss waħda li jekk mhux marġinali, żgur ħafna iżgħar u mhux penalment rilevanti meta mqabbla ma dik ġenerata mill-bastimenti kbar u aktar viċini għar-residenti u li kienu fil-Baċir numru 6 jew fil-madwar.

Minħabba fir-rabta speċifika magħmula mill-Prosekuzzjoni bejn il-post minn fejn skonthom kien qiegħed jiġi ġenerat il-ħoss (il-Baċir numru 5) mal-kawża prossima ta' dak il-ħoss (il-ġenerator fuq it-tug boat Hamal) din il-Qorti ma tistax issib lil Joseph Calleja u lill-imputati l-oħra ħatja tar-reat kontestat lilhom u li fuqhom ġiet mitluba biex tiġġudikahom.

# ***<u>DECIDE</u>***

li din il-Qorti qegħda ssib lill-imputati mhux ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u tilliberahom minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum il-5 ta' Frar, 2016 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***